



Dan id-drone huwa inġenju tal-ajru.
Japplikaw il-liġijiet tal-avjazzjoni.

Bħala bdot tad-drone, għandek responsabbiltà li ttajjar id-drone tiegħek b'mod sikur.

Qabel ittajjar id-drone, għandek
taqra l-istruzzjonijiet tal-manifattur



Informa ruħek dwar fejn tista'
ttajjar id-drone:

www.easa.europa.eu/drones/NAA

!
Ksur tar-regoli
jwassal għal
impożizzjoni ta'
pieni skont il-liġi.



LI GĦANDEK TAGĦMEL



Kun ċert li inti assigurat b'mod xieraq



Kun af liema żoni ma jippermettux titjir (no-fly zones) u jekk hemmx limitazzjonijiet fiż-żona fejn tixtieq ittajjar id-drone



Żomm għajnejk fuq id-drone il-ħin kollu



Żomm distanza sikura bejn id-drone u n-nies, l-annimali jew inġenji tal-ajru oħrajn



Għandek tgħarraf lill-awtorità nazzjonali tal-avjazzjoni ta' pajjiżek jekk id-drone tiegħek jiġi involut f'acciċent li jirriżulta f'korriment serju jew fatali li jinvolvi persuna, jew li jaffettwa inġenju tal-ajru b'ekwipaġġ



Ħaddem id-drone tiegħek fil-limiti definiti fl-istruzzjonijiet tal-manifattur

LI M'GĦANDEKX TAGĦMEL



Ittajjarx id-drone fuq gruppi kbar ta' persuni



Ittajjarx id-drone f'għoli aktar minn 120 metru mill-art



Ittajjarx id-drone biswit inġenji tal-ajru u viċin ajruporti, helipads jew f'postijiet fejn ikun qed iseħħ rispons ta' emerġenza



Irrispetta l-privatezza ta' persuni oħra.



Tużax id-drone biex iġġorr oġġetti perikolużi jew biex twassal xi materjal



Tagħmilx modifiki fuq id-drone tiegħek. Mhux permess jintuża software li mhux rakkomandat mill-manifattur